MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta ta' l-24 ta' Ottubru, 2003

Avviz Numru. 170/2003

**Avviz numru 170/2003DM**

**HSBC Bank Malta p.l.c.**

**Vs**

**Antonio Moldi**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-bank attur talab il-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma kumplessiva ta' tlett elef disa' mija tlieta u tletin lira Maltin u tnejn u tletin centezmi (Lm3,933.32) rapprezentati in kwantu ghall-ammont ta' Lm3,322.98 kapital misluf lilhu permezz tal-loan account Nru 013-140694-300, u in kwantu ghall-ammont ta' Lm610.34 imghaxijiet bankarji akkumulati fuq l-imsemmi kapital mid-data imsemmi tas-self sad-19 ta' Dicembru, 2002.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mill-20 ta' Dicembru, 2002 sad-data tal-effettiv pagament bil-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenut debitament notifikat ma deherx biex jikkontesta t-talba attrici.

Ghaldaqstant wara li l-Qorti semghet lil PL Jonatham De Maria bil-gurament rapprezentant legali tal-bank attur issib illi t-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

Ghaldaqstant il-Qorti qeghda tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-bank attur is-somma mitluba ta' tlett elef disa' mija u tlieta u tletin Lira Maltin u tlieta u ghoxrin centezmu (Lm3,933.32) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz bl-imghaxijiet legali b'effett mill-20 ta' Dicembru tas-sena 2002;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------